# Lenti fuq l-istorja (4)

## Mark Lombardo

**Il-Miġja u l-ewwel Ħidma Pastorali tal-Patrijiet Karmelitani fil-Fgura (1945-1965)**



*L-ewwel Komunita' Karmelitana*

Matul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija, ħafna residenti mill-bliet tal-Kottonera fittxew rifuġju f'irħula oħra 'l barra mis-swar tal-Kottonera. Fost dawn il-lokalitajiet fejn marru jabitaw dawn ir-residenti kien hemm il-Fgura. Biż-żieda fil-popolazzjoni tal-Fgura minn madwar 500 ruħ fl-1939 għal aktar minn 800 ruħ fi tmiem il-gwerra, inħasset il-ħtieġa ta' preżenza aktar attiva u kontinwa tal-Knisja f'dan il-lokal ġdid, permezz ta' membri tal-kleru.

Sal-1945, il-kura spiritwali kienet f'idejn saċerdoti li kienu jiġu minn lokalitajiet oħra. L-aħħar wieħed fosthom kien Dun Ġużepp Zerafa, li kien jiġi minn Raħal Ġdid. Bil-ħsieb li n-nies tal-Fgura ikollhom kura spiritwali aħjar, l-Arċisqof Mikiel Gonzi inkariga lill-patrijiet Karmelitani b'din ir-responsabbilta'.



*L-ewwel Kunvent fi Triq San Xmun*

Kien nhar l-14 ta' Diċembru 1945, li l-Patrijiet Karmelitani waslu fil-Fgura. L-ewwel komunita' ġiet iffurmata minn tliet patrijiet u fratell, li ġew mill-Kunventi Karmelitani tal-Belt Valletta, Santa Venera, il-Balluta u l-Imdina. L-ewwel patrijiet kienu Patri Tarċisju Licari, li nħatar l-ewwel Pirjol, Patri Ġwann Caruana u Patri Redent Gauci. Magħhom ġie ukoll Fra Romeo Bezzina. Għall-bidu l-patrijiet kienu jgħixu f'maisonette fi Triq San Xmun, li kien ingħata b'self mill-Familja Garzia. Fl-istess waqt huma kienu jagħmlu użu mill-Kappella l-qadima li kien hemm fil-Fgura.

Il-patrijiet Karmelitani ntlaqgħu b'ċerimonja li bdiet fl-4.30pm bit-tberik tad-dar il-ġdida u wara mxew proċessjonalment sal-Kappella fejn inqara d-digriet Kanoniku tat-twaqqif tal-komunita' l-ġdida u ngħata l-pussess lill-ewwel Pirjol mill-Provinċjal Patri Pietru Dimech, li għamel kelmtejn tal-okkażjoni. Wara l-funzjoni sar diskors ta' merħba mis-Sur Etoboldo Busuttil, li kien l-aħħar patrun ta' din il-kappella u li aktar tard fl-1947 intlaħaq ftehim biex il-guspatronat jgħaddi uffiċjalment f'idejn il-patrijiet.



*Purċissjoni mill-Kappella l-qadima għall-post fejn kellha tinbena l-Knisja fl-1948*

**Il-Bini ta' Kunvent u Knisja**

Bil-preżenza tal-patrijiet fil-Fgura, bdew jittieħdu diversi inizjattivi. Minflok quddiesa waħda, issa bdew isiru tlieta kuljum. Saret dekorazzjoni tal-altar b'tabernaklu tal-irħam.

Fost l-ewwel inizjattivi tal-patrijiet kien hemm l-akkwist ta' statwa ġdida tal-Madonna tal-Karmnu. Din kienet xogħol tal-istatwarju magħruf Wistin Camilleri. Din l-istatwa kienet oriġinarjament maħsuba għall-Imdina,



*L-ewwel statwa tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol l-istatwarju Wistin Camilleri*

iżda minħabba li l-prijoritajiet ta' dan il-Kunvent kienu nbidlu, din l-istatwa ġiet offruta lill-komunita' tal-Fgura. Dan kien possibbli wara li s-Sur Antonio Cumbo offra li jħallas din l-istatwa.

Biss l-akbar proġett tal-patrijiet dak iż-żmien kien il-bini ta' kunvent u Knisja ġdida. Dan kien possibbli wara li ġiet akkwistata l-art minn żewġ benefatturi oħra, Anġlu u martu Marianna Camilleri.




*Il-Benefatturi*



*Il-Perit Ġużè Damato*

L-att tas-suċċessjoni ta' din l-art sar quddiem in-Nutar Carmelo Ġiuseppe Vella nhar l-14 ta' Settembru 1946. Il-Provinċjal Patri Ġorġ Borg talab lill-Kavallier Ġuże' Damato biex jagħmel pjanta u jesegwixxi x-xogħol tal-bini tal-Knisja u l-kunvent. Il-Perit Damato huwa magħruf għal xogħlijiet ta' diversi knejjes oħra fosthom dik ta' Kristu Re, Paola, ix-Xewkija u s-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Il-Knisja kienet forma ta' salib, b'tul ta' 106 piedi mill-faċċata tal-kor sal-bieb ta' barra u wiesa' 23 pied. Il-kappelluni u l-kor kienu fondi 12-il pied oħra. Is-saqaf kien ċatt u elevat fuq tanbur kwadru imdawwar bit-twieqi li kienu jdawlu l-knisja.



*It-tqegħid tal-ewwel ġebla*

It-tqegħid tal-ewwel ġebla sar nhar il-11 ta' Diċembru 1948 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, fil-preżenza tal-parrini, is-Sur Anġlu Camilleri, id-donatur tal-art, u l-Prim Ministru Sir Paul Boffa. L-Imgħallem tal-ġebel kien Ġużeppi Debono.



*Il-wasla tal-Arċisqof Gonzi għat-tqegħid tal-ewwel ġebla*

Ix-xogħol tal-bini tal-Knisja u l-kunvent tlestew malajr tant li nhar il-Ħadd 19 ta'Novembru 1950 sar it-tberik tal-Knisja mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. L-Arċisqof kien milqugħ mill-Provinċjal Patri Bernard Farrugia u l-Pirjol Patri Leone Buhagiar, flimkien mal-komunita' Karmelitana u għadd ta' reliġjużi Karmelitani oħra li ġew mill-kunventi l-oħra. Għall-funzjoni kien preżenti l-Prim



*It-tberik tal-Knisja mill-Arċisqof Gonzi.*
*Fuq quddiem (lemin) jidher il-PM Nerik Mizzi*



*Il-Kunvent u l-Knisja tal-Karmnu*



*Il-pittura ta' Rafel Bonnici Cali*

Ministru ta' Malta, Nerik Mizzi. Ħadu sehem fil-funzjoni l-Kor tal-istudenti Karmelitani. Wara l-quddiesa sar ukoll it-tberik tal-kunvent.

F'dik l-istess okkażjoni kien imbierek kwadru ġdid tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol tal-pittur Rafel Bonnici Cali. Dan tpoġġa fuq l-altar maġġur, iżda tajjeb li nirrimarkaw li wara t-trasformazzjoni li saret fil-liturġija wara l-Konċilju Vatikan II, din il-pittura ma setgħetx tibqa' fuq l-altar maġġur u minflok tpoġġiet fil-kunvent. Minflok, fuq l-altar maġġur tpoġġa l-kwadru antik li kien jinsab fil-kappella l-qadima u li kienet twaqqgħet fl-1955. Fil-kappelluni kien hemm ukoll żewġ kwadri oħra magħmula mill-pittur Ġużeppi Caruana, wieħed tal-mewt ta' San Ġużepp, filwaqt li l-ieħor kien ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu'. Dawn il-pitturi tħallsu mill-benefatturi Anġlu Camilleri u Antonio Cumbo. Fil-kor kien hemm żewġ kwadri żgħar, wieħed tal-Qalb ta' Ġesu' u l-ieħor tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija, xogħlijiet tal-pittur Ġużeppi Busuttil.




*Il-Benefatturi*

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Novembru 1950, fid-9.30am, sar korteo solenni bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mill-kappella l-qadima għall-Knisja. Tajjeb li ngħidu li ċ-ċelebrazzjonijiet tat-Tberik Solenni tal-Knisja saru f'sena speċjali għall-Ordni Karmelitan, minħabba li bejn l-1950 u l-1951 kien qed jitfakkar is-Seba' Ċentinarju mill-għoti tal-Labtu tal-Karmnu.



*Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Karmnu*
*li kien isir fl-aħħar Erbgħa tal-Udjenza*

Din il-knisja, li llum hija magħrufa bħala Sala San Ġorġ Preca, serviet lill-poplu tal-Fgura għal 38 sena u damet titħallas għal 22 sena, meta l-patrijiet kienu diġa' bdew

jaħsbu biex tinbena Knisja akbar u moderna għall-popolazzjoni dejjem tikber f'dan il-lokal modern.

**Statwa Ġdida tal-Madonna tal-Karmnu**



*Statwa ġdida tal-Madonna tal-Karmnu - 1960*

Il-Fgura kienet iddikjarata parroċċa fl-1965. Qabel ma saret parroċċa ma kienx hemm permess li ssir il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu u minflok fl-1959 beda jsir pellegrinaġġ fl-aħħar Erbgħa tal-Udjenza. Nhar it-3 ta' Lulju 1960, kienet imbierka statwa ġdida tal-Madonna tal-Karmnu. Din hi l-istess statwa titulari li għadha tintuża sal-lum u li kienet indurata mis-Sur Horace Farrugia fl-1995. Din l-istatwa inġiebet minn Bolzano u tħallset mis-Sur Antonio Cumbo.

Pirjoli tal-Fgura mill-1945 sal-lum

| | |
|---|---|
| 1945-1946 | P. Tarċisju Licari |
| 1946-1949 | P. Anastasju Caruana |
| 1949-1950 | P. Romeo Grech |
| 1950 -1952 | P. Leone Buhagiar |
| 1952-1955 | P. Anselmu Chircop |
| 1955-1958 | P. Pawl Gatt |
| 1958-1964 | P. Klement Caruana |
| 1964-1967 | P. Marjan Farrugia |
| 1967-1970 | P. Damjan Cachia |
| 1970-1976 | P. Timotju Azzopardi |
| 1976-1982 | P. Mawrizju Mizzi |
| 1982-1985 | P. Frans Mifsud |
| 1985-1988 | P. Nazju Axisa |
| 1988-1991 | P. Kiljan Azzopardi |
| 1991-1994 | P. Samwel Abela |
| 1994-1998 | P. Kiljan Azzopardi |
| 1998-2006 | P. Hermann Duncan |
| 2006-2009 | P. Mawrizju Mizzi |
| 2009-2015 | P. Hermann Duncan |
| 2015- | P. Renald Lofreda |

Kappillani

| | |
|---|---|
| 1965-1979 | P. Timotju Azzopardi |
| 1979-1982 | P. Leonard Mahoney |
| 1982-1991 | P. Guido Micallef |
| 1991-1997 | P. Amadeo Zammit |
| 1997-2006 | P. Joe Saliba |
| 2006-2009 | P. Joe Vella |
| 2009- | P. Renald Lofreda |